MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Numru 70/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Carmelo Ciranna**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmelo Ciranna ta’ 36 sena, iben Saverio u Vasile nee’ Corradina, imwieled gewwa Siracusa, Sqallija nhar l-14 ta’ Mejju 1975, prezentament residenti gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 44398A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta’ Dicembru 2011, f’xi hin bejn id-9:00 u l-11:00 ta’ filghodu, minn gewwa r-residenza bl-isem

*Siesta,* li tinsab fi Triq il-Baltiku, San Gwann, ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebga u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok, u dan ghad-detriment ta' Edward Paul Melillo mis-Swieqi u/jew persuna jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma huma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan ghad-detriment ta' Edward Paul Melillo mis-Swieqi u/jew persuni ohra;

3. Nhar it-30 ta' Dicembru 2011, ghall-habta tal-10:00 ta' filghodu, minn gewwa r-residenza bl-isem *Erera*, li tinsab fi Triq Saver Zarb, San Gwann, ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok, u dan ghad-detriment ta' Simon Saliba minn San Gwann u/jew persuna jew persuni ohra;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma huma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan ghad-detriment ta' Simon Saliba minn San Gwann u/jew persuni ohra;

5. Nhar l-01 ta' Jannar 2012, f'xi hin bejn il-11:00 u 15:30 ta' wara nofs inhar, minn gewwa r-residenza numru 30, *Dekojame*, li tinsab fi Triq it-Torri, Birkirkara, ikkommetta serq ta' oggetti u flus kontranti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-eflejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Derek-

Joseph Conti minn Birkirkara u/jew persuna jew persuni ohra;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar,ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma huma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Derek-Joseph Conti minn Birkirkara u/jew persuni ohra;

7. F'xi gurnata u hin bejn l-01 u s-07 ta' Jannar 2012, minn gewwa r-residenza numru 62, li tinsab fi Triq il-Barmil, Swieqi, ikkommetta serq ta' oggetti u flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok, u dan ghad-detriment ta' Joseph Abdilla mis-Swieqi u/jew persuna jew persuni ohra;

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma huma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan ghad-detriment ta' Joseph Abdilla mis-Swieqi u/jew persuni ohra;

Sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata il-15 ta' Ottubru 2011.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll li l-imputat huwa recidiv u ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva hija l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikundannah erba(4) snin prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------